REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 717/2013

tal-25 ta' Lulju 2013

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tal-entrati għall-benessri tal-annimali f'ċerti ċertifikati mudell tas-saħħa

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42(2)(d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE dwar ċerti kampjuni u oġġetti eżentati minn verifiki veterinarji fuq il-fruntiera skont dik id-Direttiva [2] jipprevedi li l-kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati għall-importazzjoni fl-Unjoni jew fi tranżitu minnha jrid ikollhom magħhom ċertifikati tas-saħħa konformi mal-mudelli stabbiliti fl-Anness XV tiegħu.

(2) Ċerti ċertifikati mudell stabbiliti fl-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jipprovdu li l-veterinarju uffiċjali jrid jiċċertifika l-konformità mar-regoli tal-benessri tal-annimali stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 93/119/KE tat-22 ta' Diċembru 1993 dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew il-qtil [3].

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla [4] ħassar u ħa post id-Direttiva 93/119/KE. Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

(4) Għal raġunijiet ta' ċarezza, id-dikjarazzjonijiet dwar il-benessri tal-annimali fil-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa l-Kapitolu 3(D), II.1.3 (b)(iv) fil-Kapitolu 3(F) u II.2.2(b)(iv) fil-Kapitolu 8 tal-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandhom jiġu aġġornati.

(5) Biex jiġi evitat kull tfixkil fil-kummerċ, l-użu ta' ċertifikati maħruġa skont ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandu jiġi awtorizzat għal perjodu tranżitorju.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom.,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XV għar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu jiġi emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għal perjodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2014, il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali akkumpanjati minn ċertifikati maħruġa qabel l-1 ta' Diċembru 2013 skont il-mudelli stabbiliti fl-Annessi XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 qabel l-emendi introdotti permezz ta' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jiddaħħlu fl-Unjoni.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.
[2] ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.
[3] ĠU L 340, 31.12.1993, p. 21.
[4] ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1.

ANNESS

L-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Kapitolu 3(D) jinbidel b'dan li ġej:

"KAPITOLU 3(D)

Ċertifikat tas-saħħa

għal ikel nej għall-annimali domestiċi biex jinbiegħ b'mod dirett jew prodotti sekondarji mill-annimali biex jintemgħu lill-annimali tal-pil, maħsubin biex jintbagħtu l-Unjoni Ewropea jew għal tranżitu minnha ([2])

PAJJIŻ **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur L-isem Indirizz Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju L-isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-Tel.		I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE L-isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-Tel.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini L-isem Numru tal-approvazzjoni L-isem Numru tal-approvazzjoni L-isem Numru tal-approvazzjoni		I.12. Post ta' destinazzjoni L-isem Maħżen doganali ☐ Indirizz Numru tal-approvazzjoni Kodiċi postali	
I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi ta' dokumentazzjoni		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-Prodott (Kodiċi HS)	
		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura tal-prodott Ambient ☐ Iċċiljati ☐ Iffriżat ☐		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Is-Siġill/Nru tal-Kontenitur		I.24. Tip ta' imballaġġ	
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Għalf tal-annimali ☐ Użu tekniku ☐			
I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-komoditajiet

Speċi (Isem xjentifiku)	Natura tal-komodità	Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura	Piż nett	Numru tal-lott

PAJJIŻ **Ikel nej għall-annimali domestiċi biex jinbiegħ b'mod dirett jew prodotti sekondarji mill-annimali biex jintemgħu lill-annimali tal-pil**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, hawn taħt iffirmat veterinarju uffiċjali, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]) u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu, u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011([1b]), u partikolarment l-Anness XIII, il-Kapitolu II u l-Anness XIV, il-Kapitolu II tiegħu u niċċertifika li l-ikel nej għall-annimali domestiċi jew prodotti sekondarji mill-annimali mill-klieb deskritti hawn fuq:

II.1. jikkonsisti fi prodotti sekondarji tal-annimali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' hawn taħt;

II.2. jikkonsisti fi prodotti sekondarji tal-annimali:

(a) li ġejjin minn laħam li jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika stabbiliti fi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ([3]) u sakemm l-annimali li minnhom ikun ġie derivat il-laħam ikunu ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom) li kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, mill-pesta bovina, mid-deni klassiku tal-ħnieżer, mid-deni Afrikan tal-ħnieżer, mill-marda vesikulari tal-ħnieżer, għat-12-il xahar ta' qabel u fejn ma jkunx ingħata tilqim matul dak iż-żmien (kif rilevanti biss għall-ispeċijiet suxxettibbli;

— u/jew ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([4]), u sakemm l-annimali li minnhom ikun ġie derivat il-laħam ikunu ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom ..... (il-kodiċi ISO f'każ ta' pajjiż jew kodiċi għal territorji jew partijiet minnhom) kif elenkat f'dak ir-Regolament, li kienu ħielsa mill-marda Newcastle u mill-influwenza tat-tjur għal dawn l-aħħar 12-il xahar;

— u/jew fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 ([5]), u bil-kundizzjoni li l-annimali li minnhom jidderiva l-laħam jiġu minn pajjiżi terzi, territorju jew minn partijiet minnhom ..... (il-kodiċi ISO fil-każ ta' pajjiż jew kodiċi minn territorji jew partijiet minnhom) kif imniżżel f'dak ir-Regolament li kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, mill-pesta bovina, mid-deni klassiku tal-ħnieżer, mid-deni Afrikan tal-ħnieżer, mill-marda vesikulari tal-ħnieżer, mill-marda ta' Newcastle u mill-influwenza avjarja għat-12-il xahar ta' qabel u fejn ma jkunx ingħata tilqim matul dak iż-żmien (kif rilevanti biss għall-ispeċijiet suxxettibbli);

(b) li ġejjin minn annimali li, fil-biċċerija, għaddew mill-ispezzjoni tas-saħħa ante-mortem matul l-24 siegħa qabel il-qatla u ma wrew ebda evidenza tal-mard imsemmi fir-Regolamenti stipulati fil-punt (a) li l-annimali jkunu suxxettibbli għalihom; kif ukoll

(c) derivati mill-annimali li ġew immaniġġati fil-biċċerija qabel u fi żmien it-tbiċċir jew il-qatla f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li ssodisfaw ir-rekwiżiti ta' mill-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitoli II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009; jew

(d) fil-każ ta' għalf għall-annimali tal-pil dderivati minn annimali akkwatiċi li jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE ([6]), **ġejjin minn pajjiżi jew territorji tiegħu** ..... (il-kodiċi ISO) kif elenkat fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

II.3.1. jikkonsisti biss f'dawn il-prodotti sekondarji tal-annimali kif ġej:

(a) karkassi u partijiet ta' annimali maqtulin jew, fil-każ ta' kaċċa, iġsma jew partijiet ta' annimali maqtulin, u li jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda ma jkunux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali; u

(b) partijiet ta' annimali maqtula, li jkunu rrifjutati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem iżda li ma jkollhom lebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali u jiġu minn karkassi li jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

II.3.2. fil-każ ta' għalf għall-annimali tal-pil flimkien ma' II.3.1. jikkonsistu wkoll mill-prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin:

([2]) *jew* [- prodotti sekondarji mit-tjur u l-lagomorfi maqtula fl-irziezet kif imsemmi fl-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, li ma urew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bniedem jew mill-annimali;]

([2]) *u/jew* [- demm ta' annimali li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed mid-demm mill-bnedmin jew mill-annimali, miksub minn annimali minbarra ruminanti li jkunu ġew maqtula f'biċċerija wara li jkunu tqiesu tajbin għat-tbiċċir għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji mill-annimali ġejjin mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inkluż għadam bix-xaħam imneħħi, qasab tas-saqajn u ħama taċ-ċentrifugi jew tas-separaturi mill-ipproċessar tal-ħalib;]

([2]) *u/jew* [- prodotti li joriġinaw minn annimali, jew oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw minn annimali, li ma jkunux maħsubin aktar għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2]) *u/jew* [- ikel għall-annimali domestiċi u għalf li joriġinaw mill-annimali, jew għalf li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati, li ma jkunux maħsubin aktar għal għalf għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2]) *u/jew* [- demm, plaċenta, suf, rix, xagħar, qrun, qatgħat ta' qwieqeb u ħalib mhux pasturizzat li joriġinaw minn annimali ħajjin li ma kinux urew sinjali ta' xi mard li jittieħed minn dawk il-prodotti mill-bnedmin jew mill-annimali;]

([2]) *u/jew* [- annimali akkwatiċi u partijiet ta' annimali bħal dawn, ħlief mammiferi tal-baħar, li ma jkunu wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;]

PAJJIŻ **Ikel nej għall-annimali domestiċi biex jinbiegħ b'mod dirett jew prodotti sekondarji mill-annimali biex jintemgħu lill-annimali tal-pil**

II.	**Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji minn annimali akkwatiċi li joriġinaw minn impjanti jew stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti għall-konsum mill-bniedem;]

([2]) *u/jew* [- il-materjal li ġej li joriġina mill-annimali li ma jkun wera ebda sinjal ta' mard li jittieħed minn dan il-materjal minn bnedmin jew annimali:

(i) qxur minn frott tal-baħar b'tessut artab jew laħam;

(ii) dawn li ġejjin li joriġinaw minn annimali terrestri:

— prodotti sekondarji tal-mafqas,

— bajd,

— prodotti sekondarji tal-bajd, inkluż il-qxur tal-bajd,

(iii) flieles ta' ġurnata maqtula għal raġunijiet kummerċjali;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji tal-annimali minn invertebrati akkwatiċi jew terrestri minbarra speċijiet patoġeniċi għall-bnedmin jew għall-annimali;]

([2]) *u/jew* [- annimali u partijiet tagħhom tal-ordnijiet żooloġiċi Rodentia u Lagomorpha, ħlief materjal ta' Kategorija 1 kif imsemmi fl-Artikolu 8(a)(iii), (iv) u (v) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u materjal tal-Kategorija 2 kif imsemmi fl-Artikolu 9 minn (a) sa (g) ta' dak ir-Regolament;]

II.4. inkisbu mingħajr kuntatt ma' materjal ieħor li ma kienx konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 ta' hawn fuq, u kienu mmaniġġati b'mod li jevita l-kontaminazzjoni minn aġenti patoġeniċi;

II.5. tqiegħdu f'imballaġġ finali b'tikketti li jindikaw "IKEL NEJ GĦALL-ANNIMALI DOMESTIĊI – MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM" jew "PRODOTTI SEKONDARJI MILL-ANNIMALI GĦAT-TAGĦLIF TAL-ANNIMALI TAL-PIL – MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM" u wara f'kaxxi/kontenituri li ma jnixxux u ssiġillati uffiċjalment jew f'imballaġġ ġdid li ma jħallix ikun hemm tnixxija u f'kaxxi/kontenituri ssiġillati uffiċjalment b'tikketti li jindikaw "IKEL NEJ GĦALL-ANNIMALI DOMESTIĊI – MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM" jew "PRODOTTI SEKONDARJI MILL-ANNIMALI GĦAT-TAGĦLIF TAL-ANNIMALI TAL-PIL – MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM", u l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment ta' destinazzjoni;

II.6. fil-każ ta' ikel nej għall-annimali domestiċi:

(a) tħejja u nħażen f'impjant approvat u b'superviżjoni mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u

(b) kien eżaminat b'teħid ta' kampjuni każwali ta' mill-anqas ħamsa minn kull lott meħudin matul il-ħżin (qabel id-dispaċċ) u huwa konformi mal-istandards li ġejjin ([7]):

Salmonella: nieqsa f'25 g: n=5, c=0, m=0, M=0

Enterobacteriacae: n=5, c=2, m=10, M=5000 f'1g;

II.7.

([2]) *jew* jew [il-prodott ma fihx u mhux ġej minn materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) u lanqas mhu laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini; u u l-annimali li minnu dan il-prodott huwa dderivat ma ġewx maqtula wara sturdament bil-gass injettat fil-kavità kranjali jew maqtula bl-istess metodu jew maqtula bit-tiċrit tat-tessut nervuż ċentrali bi strument tawwali f'għamla ta' virga mdaħħla fil-kavità kranjali;]

([2]) *u/jew* [il-prodott ma fihx u mhux ġej minn materjali ta' bovini, ovini jew kaprini minbarra dawk li ġejjin minn annimali mwelldin, imrobbijin kontinwament u maqtulin f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikati li jkunu ta' riskju negliġibbli ta' BSE b'deċiżjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

II.8. flimkien ma' dan, fir-rigward ta' TSE:

([2]) *jew* [f'każ ta' prodotti sekondarji tal-annimali maħsubin għal għalf għar-ruminanti u li jkollhom fihom ħalib jew prodotti tal-ħalib ta' oriġini ovina jew kaprina, l-annimali ovini jew kaprini li minnhom jiġu dawn il-prodotti nżammu kontinwament mit-twelid jew tul l-aħħar tliet snin f'azjenda fejn mhi imposta ebda restrizzjoni fuq il-moviment minħabba suspett ta' TSE u li tkun issodisfat ir-rekwiżiti li ġejjin għal dawn l-aħħar tliet snin :

(i) kien soġġett għall-verifiki veterinarji uffiċjali regolari;

(ii) ma kien hemm dijanjożi ta' ebda każ ta' scrapie klassika, kif iddefinit fil-punt 2(g) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew, wara l-konferma ta' każ ta' scrapie klassika:

— l-annimali kollha li ġew ikkonfermati li kellhom il-marda tal-iscrapie klassika nqatlu u nqerdu, u

— in-nagħaġ u l-mogħoż kollha fl-ażjenda nqatlu u nqerdu, ħlief imtaten tat-tgħammir tal-ġenotip ARR/ARR, u nagħaġ tat-tgħammir li jkollhom mill-anqas allel ARR wieħed u ebda allel VRQ;

(iii) annimali ovini u kaprini, ħlief nagħaġ tal-ġenotip prijoniku ARR/ARR, jiddaħħlu fl-azjenda biss jekk jiġu minn azjenda li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (i) u (ii).]

PAJJIŻ **Ikel nej għall-annimali domestiċi biex jinbiegħ b'mod dirett jew prodotti sekondarji mill-annimali biex jintemgħu lill-annimali tal-pil**

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(2) *)jew* [f'każ ta' prodotti sekondarji tal-annimali maħsubin għal għalf għar-ruminanti u li jkollhom fihom ħalib jew prodotti tal-ħalib ta' oriġini ovina jew kaprina, u maħsubin għal Stat Membru elenkat fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2006 (9), l-annimali ovini jew kaprini li minnhom jiġu dawn il-prodotti nżammu kontinwament mit-twelid jew għall-aħħar seba' snin f'azjenda fejn mhi imposta ebda restrizzjoni fuq il-moviment minħabba suspett ta' TSE u li tkun issodisfat ir-rekwiżiti li ġejjin għall-aħħar seba' snin:

(i) kien soġġett għall-verifiki veterinarji uffiċjali regolari;

(ii) ma kien hemm dijanjożi ta' ebda każ ta' scrapie klassika, kif iddefinit fil-punt 2(g) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew, wara l-konferma ta' każ ta' scrapie klassika:

— l-annimali kollha li ġew ikkonfermati li kellhom il-marda tal-iscrapie klassika nqatlu u nqerdu, u

— in-nagħaġ u l-mogħoż kollha fl-ażjenda nqatlu u nqerdu, ħlief imtaten tat-tgħammir tal-ġenotip ARR/ARR, u nagħaġ tat-tgħammir li jkollhom mill-anqas allel ARR wieħed u ebda allel VRQ;

(iii) annimali ovini u kaprini, ħlief nagħaġ tal-ġenotip prijoniku ARR/ARR, jiddaħħlu fl-azjenda biss jekk jiġu minn azjenda li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (i) u (ii).]

Noti

Parti I:

— Ir-referenza tal-kaxxa I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott importat.

— Ir-referenza tal-kaxxa I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen doganali.

— Ir-referenza tal-kaxxa I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ tal-ħatt jew tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-Post għall-Ispezzjoni fuq il-Fruntiera (BIP) tad-dħul fl-UE.

— Kaxxa I.19: uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 05.11.

— Ir-referenza tal-kaxxa I.23: għal kontejners li jieħdu l-kwantità, in-numru tal-kontejner u tas-siġill (jekk japplika) għandhom ikunu inklużi.

— Ir-referenza tal-kaxxa I.25: użu tekniku: kull użu ieħor minbarra konsum mill-annimali.

— Il-kaxxi ta' referenza I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Ir-referenza tal-kaxxa I.28:

Natura tal-prodott: agħżel ikel nej għall-annimali domestiċi jew prodott sekondarju tal-annimali.

Fil-każ tal-materjal nej għall-manifattura tal-ikel nej għall-annimali domestiċi indika l-isem xjentifiku tal-ispeċi.

Fil-każ ta' materja prima għall-manifattura ta' għalf għal annimali bil-pil agħżel minn dawn li ġejjin: Aves, Ruminanti, Mammalja - Ruminanti, Peska, Molluska, Krustaċji, Invertebrati

Parti II:

([1a]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([1b]) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.

(2) Ħassar kif xieraq.

(3) ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1.

(4) ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.

(5) ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12.

PAJJIŻ **Ikel nej għall-annimali domestiċi biex jinbiegħ b'mod dirett jew prodotti sekondarji mill-annimali biex jintemgħu lill-annimali tal-pil**

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([6]) ĠU L 320, 18.11.2006, p. 53.

([7]) Fejn:

n = l-għadd ta' kampjuni għall-ittestjar;

m = il-valur limitu tal-għadd ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jaqbiżx m;

M = il-valur massimu tal-għadd ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat mhux sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji f'kampjun wieħed jew iktar ikun M jew iktar; kif ukoll

c = l-għadd ta' kampjuni li l-għadd ta' batterji tagħhom jista' jkun bejn m u M, u l-kampjun jibqa' jitqies aċċettabbli jekk l-għadd ta' batterji tal-kampjuni l-oħra jkun m jew anqas.

([8]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

([9]) ĠU L 94, 1.4.2006, p. 28.

— Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: Dan iċ-ċertifikat huwa għal skopijiet veterinarji biss u għandu jinżamm mal-kunsinna sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera.

Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifiki u titlu:

Data: Firma:"

Timbru:

(2) Il-Kapitolu 3(F) jibidel b'dan li ġej:

"KAPITOLU 3(F)

Ċertifikat tas-saħħa

għal prodotti sekondarji mill-annimali ([3]) għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi, maħsubin biex jintbagħtu l-Unjoni Ewropea jew għal tranżitu minnha ([2])

PAJJIŻ **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur L-isem Indirizz Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju L-isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-Tel.		I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE L-isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-Tel.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini L-isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz L-isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz L-isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12. Post ta' destinazzjoni L-isem Custom warehouse ☐ Indirizz Numru tal-approvazzjoni Kodiċi postali	
I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi ta' dokumentazzjoni		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-Prodott (Kodiċi HS)	I.20. Kwantità
I.21. Temperatura tal-prodott Ambient ☐ Iċċiljati ☐ Iffriżat ☐			I.22. Għadd ta' pakketti
I.23. Is-Siġill/Nru tal-Kontenitur			I.24. Tip ta' imballaġġ
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Użu tekniku ☐			
I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-komoditajiet

Speċi (Isem xjentifiku)	Natura tal-komodità	Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura	Għadd ta' pakketti	Piż nett	Numru tal-lott

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji mill-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	**Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza tać-ċertifikat	II.b.

Jiena, hawn taħt iffirmat veterinarju uffiċjali, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([1b]), u partikularment l-Anness XIV, il-Kapitolu II tiegħu, u niċċertifika li l-prodotti sekondarji mill-annimali deskritti hawn fuq:

II.1.1. jikkonsistu fi prodotti sekondarji tal-annimali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali ta' hawn taħt;

II.1.2. inkisbu fit-territorju ta': ..... ([1c]) minn annimali:

([2]) *jew* [(a) li baqgħu f'dan it-territorju mit-twelid jew mill-anqas għall-aħħar tliet xhur qabel il-qatla;]

([2]) *jew* [(b) li nqatlu fis-salvaġġ f'dan it-territorju ([1d]);]

II.1.3. inkisbu minn annimali:

([2]) *jew* [(a) li ġejjin minn azjendi:

(i) fejn, għall-mardiet li ġejjin li l-annimali jkunu suxxettibbli għalihom, ma kienx hemm każi/tifqigħat ta' pesta bovina, il-marda vesikulari tal-ħnieżer, il-marda Newcastle jew l-influwenza tal-għasafar patoġenika ħafna, matul it-30 jum ta' qabel, lanqas tad-deni klassiku jew il-Marda Afrikana tal-ħnieżer, matul l-40 jum ta' qabel; lanqas fl-azjendi li kienu jinsabu qribhom sa 10 km, matul it-30 jum ta' qabel; kif ukoll

(ii) fejn ma kienx hemm każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul is-60 jum ta' qabel, lanqas fl-azjendi li kienu jinsabu qribhom sa 25 km, matul it-30 jum ta' qabel; kif ukoll

(b) Li:

(i) ma nqatlux biex tinqered xi marda epizootika;

(ii) baqgħu fl-azjendi tagħhom ta' oriġini għal mill-anqas 40 jum qabel ma nħarġu u nġarru direttament għall-biċċerija mingħajr ma kellhom kuntatt ma' annimali oħra li ma kinux konformi mal-istess kundizzjonijiet tas-saħħa;

(iii) fil-biċċerija, għaddew mill-ispezzjoni tas-saħħa ante-mortem matul l-24 siegħa qabel il-qatla u ma wrew ebda evidenza tal-mardiet imsemmijin hawn fuq li l-annimali jkunu suxxettibbli għalihom; kif ukoll

(iv) li ġew immaniġġati fil-biċċerija qabel u fi żmien il-biċċra jew il-qatla f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li ssodisfaw ir-rekwiżiti ta' mill-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitoli II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009]

([2]) *jew* [(a) li nqabdu u nqatlu fis-salvaġġ f'żona:

(i) li fiha sa 25 km ma kienx hemm każ/tifqigħa ta' xi marda minn dawn li ġejjin li l-annimali jkunu suxxettibbli għalihom: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-pesta bovina, il-marda ta' Newcastle jew l-influwenza avjarja patoġenika ħafna, matul it-30 jum ta' qabel, lanqas id-deni klassiku jew id-deni Afrikan tal-ħnieżer, matul l-40 jum ta' qabel; kif ukoll

(ii) li tinsab f'distanza ta' aktar minn 20 km mill-fruntieri li jisseparaw territorju ieħor ta' pajjiż jew parti minnu, li ma jkunx awtorizzat f'dawn id-dati jesporta dan il-materjal fl-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) li wara li nqatlu nġarru fi żmien 12-il siegħa biex jitkessħu jew lejn ċentru ta' ġbir u minnufih wara lejn stabbiliment tal-laħam, jew direttament lejn stabbiliment tal-laħam;]

II.1.4. inkisbu fi stabbiliment li madwaru, f'radju ta' 10 km, ma kienx hemm każ ta'/ma faqqgħetx xi marda minn dawk imsemmijin fil-punt II.1.3 li l-annimali jkunu suxxettibbli għalihom matul it-30 jum ta' qabel jew, f'każ ta' mard, it-tħejjija ta' materja prima għall-esportazzjoni għall-Unjoni Ewropea tkun ġiet awtorizzata biss wara t-tneħħija tal-laħam kollu, u wara li l-istabbiliment kollu jkun tnaddaf u ddiżinfettat taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali;

II.1.5. inkisbu u tħejjew bla ma ġew f'kuntatt ma' materjal ieħor mhux konformi mal-kondizzjonijiet meħtieġa hawn fuq, u li ġew immaniġġati biex tkun evitata l-kontaminazzjoni b'aġenti patoġeniċi;

II.1.6. tqiegħdu f'ippakkjar ġdid li ma jħallix ikun hemm tnixxija u f'kontenituri ssiġillati uffiċjalment bit-tikketta li tindika "MATERJA PRIMA GĦALL-MANIFATTURA BISS TA' IKEL GĦALL-ANNIMALI DOMESTIĊI" u l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment ta' destinazzjoni tal-UE;

II.1.7. jikkonsistu biss f'dawn il-prodotti sekondarji tal-annimali kif ġej:

([2]) *jew* [- karkassi u partijiet ta' annimali maqtulin jew, fil-każ ta' kaċċa, iġsma jew partijiet ta' annimali maqtulin, u li jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda ma jkunux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali;]

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji mill-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi**

II. **Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(2) *u/jew* [- karkassi u l-partijiet li ġejjin li joriġinaw jew minn annimali li nqatlu f'biċċerija u tqiesu tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem jew minn iġsma u mill-partijiet tal-annimali tal-kaċċa li ġejjin maqtulin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni:

(i) karkassi jew iġsma u partijiet ta' annimali li jkunu rrifjutati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;

(ii) irjus ta' tjur tal-irziezet;

(iii) ġlud, inklużi fdalijiet tal-qtugħ u laqx tagħhom, qrun u saqajn, inklużi l-falanġi u l-għadam tal-karpu u tal-meta-karpu, l-għadam tat-tarsu u tal-metatarsu, ta' annimali minbarra annimali li jixtarru;

(iv) lanżit tal-ħnieżer;

(v) rix;]

(2) *u/jew* [- prodotti sekondarji mill-annimali ġejjin mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inkluż għadam bix-xaħam imneħħi, qasab tas-saqajn u ħama taċ-ċentrifugi jew tas-separaturi mill-ipproċessar tal-ħalib;]

(2) *)u/jew* [- pprodotti li joriġinaw minn annimali, jew oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw minn annimali, li ma jkunux maħsubin aktar għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

(2) *u/jew* [- annimali akkwatiċi u partijiet ta' annimali bħal dawn, ħlief mammiferi tal-baħar, li ma jkunu wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;]

(2) *u/jew* [- prodotti sekondarji minn annimali akkwatiċi li joriġinaw minn impjanti jew stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti għall-konsum mill-bniedem;]

(2) *u/jew* [- il-materjal li ġej li joriġina mill-annimali li ma jkun wera ebda sinjal ta' mard li jittieħed minn dan il-materjal minn bnedmin jew annimali:

(i) qxur minn frott tal-baħar b'tessut artab jew laħam;

(ii) dawn li ġejjin li joriġinaw minn annimali terrestri:

— prodotti sekondarji tal-mafqas,

— bajd,

— prodotti sekondarji tal-bajd, inkluż qxur tal-bajd;

(iii) flieles ta' ġurnata maqtula għal raġunijiet kummerċjali;]

(2) *u/jew* [- prodotti sekondarji minn invertebrati akkwatiċi jew terrestri, barra minn speċijiet patoġeniċi għall-bnedmin jew għall-annimali;]

(2) *u/jew* [- materjal minn annimali li jkunu ġew ittrattati b'ċerti sustanzi li huma pprojbiti skont id-Direttiva 96/22/KE, bl-importazzjoni tal-materjal titħalla ssir skont l-Artikolu 35(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;]

II.1.8. ikunu ġew iffriżati (deep-frozen) fl-impjant tal-oriġini jew ikunu ġew ippriservati skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja b'tali mod li dawn ma jitħassrux bejn il-bgħit u l-wasla fl-impjant tad-destinazzjoni;

II.1.9. fil-każ ta' materja prima li ġejja minn annimali li jkunu ġew ittrattati b'ċerti sustanzi li huma pprojbiti skont id-Direttiva 96/22/KE għall-manifattura tal-ikel tal-annimali domestiċi, bl-importazzjoni titħalla ssir skont l-Artikolu 35(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009:

(a) tkun ġiet immarkata fil-pajjiż terz qabel id-dħul tagħha fit-territorju tal-Unjoni b'taħlita ta' faħam tal-kannol likwifikat jew b'karbonju attivat, fuq kull naħa ta' barra ta' kull blokka ffriżata, jew, meta l-materja prima tkun ittrasportata fuq paliti li ma jkunux maqsumin f'konsenji separati matul it-trasport għal impjant tal-ikel għall-annimali domestiċi ta' destinazzjoni, fuq kull naħa ta' barra ta' kull palit, b'mod li l-immarkar ikun ikopri mill-anqas 70 % tat-tul dijagonali tan-naħa tal-blokka ffriżata u jkun mill-anqas 10 cm wiesgħa;

PAJJIŻ		Prodotti sekondarji mill-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi	
II.	**Tagħrif dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(b) fil-każ ta' materjal li ma jkunx iffriżat, il-materja prima tkun immarkata fil-pajjiż terz qabel ma tidħol fit-territorju tal-Unjoni billi tingħata kisja sprej b'fatam tal-kannol likwifikat jew billi jkun applikat trab tal-fatam tal-kannol b'mod li l-fatam tal-kannol ikun jidher ċar fuq il-materjal; kif ukoll

(c) fil-każ li l-prodotti sekondarji mill-annimali jkunu magħmulin minn materja prima li tkun ġiet ittrattata kif imsemmi hawn fuq u minn materja prima oħra mhux ittrattata, il-materja prima kollha tkun ġiet immarkata kif stabbilit fil-punt (a) u (b) hawn fuq.

([2]) ([4]) [II.2. **Rekwiżiti speċifiċi**

